



# Nixtieq li Nicolò Isouard kien Żebbuġi imma …

*200 Sena mill-Mewt Tiegħu*

**Peter Paul Ciantar**

Niftakarni naqra b’interess kbir kwadru li fil-Festa ta’ San Filep kien jiddendel kif tidħol fis-sagristija l-ġdida tal-knisja tagħna ta’ Ħaż-Żebbuġ. Kien jiddendel (ma nafx jekk għadux) mal-mudelli li hemm ta’ Antonio Sciortino li kien irregalahom Dun Philip Scerri li għamel żmien Prokuratur tal-Festa ta’ San Filep.

Dan il-kwadru kien juri lista ta’ Żebbuġin prominenti li għamlu isem kbir għal pajjiżna f’diversi oqsma. Fost oħrajn kien hemm l-Iskultur Antonio Sciortino u l-Poeta Nazzjonali Dun Karm. Kien hemm aktar ismijiet, fosthom tal-kompożitur famuż Nicolò Isouard.



Għalija dik il-kitba kienet ‘vanġelu’. Kont nemmen bis-sħiħ li Isouard huwa Żebbuġi … iżda kont żbaljat. Il-Kompożitur Nicolò Isouard huwa mill-Belt u din is-sena 2018 jagħlaq 200 sena mejjet. Xtaqt li kien Żebbuġi għax ir-raħal tagħna huwa magħruf għal nies kbar u prominenti li għamlu isem għal Malta tagħna … iżda mhux il-każ għal Isouard li twieled f’Mejju tas-sena 1773.

Ngħidilkom is-sewwa, din li ħafna Żebbuġin għadhom jemmnu li Isouard huwa Żebbuġi għadha ħajja f’ħafna mħuħ Żebbuġin (u wkoll oħrajn ta’ barra r-raħal). Kemm-il darba tkellimt dwar dan ma’ Żebbuġin iżda l-għamad parrokkjali jibqa’ hemm u dawn it-talin imeruni sewwa. Dan forsi minħabba dan il-kwadru li semmejt li kien influwenti ħafna u li stampah bniedem ta’ importanza kbira fl-istorja ta’ Ħaż-Żebbuġ.

Niftakar qisu lbieraħ li s-sena l-oħra (fis-sajf) kont qed nitkellem ma’ awtorità kbira f’pajjiżna biex inħeġġu ħalli jsir monument fil-Belt f’ġieħ dan il-kompożitur. Huwa qalli li dan il-kompożitur huwa minn Ħaż-Żebbuġ. Jiena pront pront għedtlu: “Nixtieq … iżda mhux il-każ … Nicolò Isouard huwa mill-Belt u tgħammed fil-Knisja ta’ San Duminku l-għada li twieled.” Nikkonferma dan b’kitba mill-aqwa tas-Sur Joseph Vella Bondin, studjuż u riċerkatur importanti ħafna f’pajjiżna fejn tidħol l-istorja tal-mużika f’Malta. Din l-informazzjoni hija stampata fil-ktieb tiegħu ‘The Great Maltese Composers’.

Biex tagħqad, il-Mostin jagħmlu lil Isouard mill-Mosta minħabba l-fatt li waħda mill-baned tal-Mosta hija msemmija għalih – Banda Nicolò Isouard. Ngħidilkom li l-Mostin għamlu sewwa li semmew il-banda tagħhom għal dan il-kompożitur Malti ta’ fama Franċiża u ta’ fama internazzjonali. Bis-saħħa ta’ isem din il-banda ħafna Maltin semgħu bil-kompożitur Nicolò Isouard. Għadni sal-lum nipprova niskopri għaliex din il-banda Mostija ssemmiet għal dan il-kompożitur mill-Belt.

Issa biex nikkonkludi ngħidilkom li Isouard miet f’Pariġi f’Marzu tal-1818, 200 sena ilu. Huwa jinsab midfun fiċ-Ċimiterju Père Laschaise f’Pariġi, fejn hemm midfuna persuni

• ikompli f’paġna 221

• *ikompli minn paġna 220*

prominenti internazzjonali li għamlu ħidma jew onoraw lin-nazzjon Franċiż, fosthom Chopin u Cherubini. Il-Franċiżi apprezzaw bis-sħiħ lil Isouard, tant li l-bust tiegħu jidher b'mod l-aktar ċar ma' rjus oħra importanti fil-mużika fl-Opera ta' Pariġi u semmew ukoll triq għalih f'Pariġi.

## Nota tal-Editur:

Nicolò Isouard huwa wieħed mill-aqwa kompożituri li qatt ħarġu minn Malta. Għalkemm ma kienx Żebbuġi huwa xieraq li nfakkruh f'din il-pubblikazzjoni li fiha dejjem ikollna taqsima ddedikata għal aspetti kulturali u storiċi Maltin. Sabiex inkunu nafu aħjar u aktar min kien Nicolò Isouard (hawn fuq), qed inġibu wkoll kitba tar-riċerkatur fuq il-mużiċisti Maltin, is-sur Joe Vella Bondin.